QORTI CIVILI PRIM`AWLA

ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MCKEON

Illum it-Tlieta 30 ta` Mejju 2017

Kawza Nru. 5
Rik. Gur. Nru. 441/11/JZM

Billboard Advertising Limited (C27899)

*kontra*

Stefan Vassallo (ID 320966M)

Il-Qorti :

I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat bil-procedura sommarja specjali fl-4 ta` Mejju 2011 li jaqra :-

*1. Illi s-socjeta` attrici ezegwiet xogholijiet ta` billboards u prints favur il-konvenut fuq inkarigu tieghu stess ;*

*2. Illi l-prezz ta` dawn ix-xogholijiet jammonta ghal tmintax-il elf mija u sebgha u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€18.147.70) u dan kif jirrizulta mill-istatement li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok BA1 u kif ukoll mill-invoices relattivi li qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok BA2 sa*

*Dok BA51 ;*

*3. Illi ghalkemm debitament interpellat, anke permezz ta` ittra ufficjali ezekuttiva datata 25 ta` Settembru 2009, sabiex ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa` inadempjenti u ma hallas xejn (kopja ta` l-ittra ufficjali ezekuttiva qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok BA52 ;*

*4. Illi permezz ta` nota ta` kontestazzjoni prezentata mill-konvenut nhar is-16 ta` Ottubru 2009 (kopja ta` liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok BA53) il-konvenut irrespinga t-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ;*

*5. Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` tmintax-il elf mija u sebgha u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€18.147.70) rapprezentanti l-prezz ta` xogholijiet ta` billboards u prints illi s-socjeta` attrici kkonsenjat lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess ;*

*6. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, stante illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-konvenut m`ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba attrici ;*

*7. Illi dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.*

*Ghaldaqstant jghid ghalhekk l-istess konvenut l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond id-disposizzjonijiet ta` l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta) :*

*1. Tiddeciedi dan ir-rikors skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh ;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` tmintax-il elf mija u sebgha u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€18,147.70) rapprezentanti l-ammont dovut mill-konvenut ghal xogholijiet ta` billboards u prints illi s-socjeta` attrici kkonsenjat lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess ;*

*3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta` tmintax-il elf mija u sebgha u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€18.147.70)*

*rapprezentanti l-ammont dovut mill-konvenut ghal xogholijiet ta` billboards u prints illi s-socjeta` attrici kkonsenjat lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess ;*

*Bl-ispejjez inkluz tal-prezenti u tal-ittra ufficjali ezekuttiva tal-25 ta` Settembru 2009, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat illi l-konvenut kien notifikat fit-23 ta` Mejju 2011 (tergo ta` fol 63).

**Rat illi fl-udjenza tad-9 ta` Gunju 2011, meta ssejjah, il-konvenut ma deherx. Ghalhekk il-kawza kienet deciza kontra l-konvenut.**

Rat illi fit-30 ta` Gunju 2011, il-konvenut ipprezenta rikors ta` appell mis-sentenza.

Rat illi l-appell tal-konvenut kien trattat quddiem il-Qorti tal-Appell fl-udjenza tad-9 ta` Dicembru 2014 u kien deciz fis-6 ta` Frar 2015.

**Rat illi l-Qorti tal-Appell laqghet l-appell, irrevokat is-sentenza appellata, ordnat li l-atti jergghu jmorru quddiem din il-Qorti sabiex il-konvenut jinghata zmien biex jipprezenta risposta guramentata, u l-kawza tinstema` skont il-ligi. L-ispejjez tal-appell kienu akkollati kollha lill-konvenut.**

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fit-12 ta` Mejju 2015 li taqra hekk :-

*1. Qabel xejn l-attrici jehtieg illi ticcara t-talbiet taghha fis-sens illi ghalkemm hija qieghda titlob hlas ghal "xogholijiet ta` billboards u prints" jidher mid-dokumentazzjoni ezebita minnha stess illi t-talba hija wkoll ghall-kera tal-istess billboards ;*

*2. Illi safejn t-talba tirreferi ghal "xogholijiet ta` billboards u prints" qed tigi eccepita l-preskrizzjoni ta` tmintax-il xahar ai termini tal-Artiklu 2148(a) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*
*3. Illi jekk u safejn it-talba tinkludi ammonti allegatament dovuti ghal*

*kiri ta` billboards qed tigi eccepita l-preskrizzjoni ai termini tal-Artiklu 2148(f) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*4. Fil-mertu, l-eccipjenti jsostni illi ma ghandu jhallas xejn mill-ammonti pretizi minhabba li x-xoghol ta` printing ta` billboards ma kienx skont is-sengha u l-arti ;*

*5. Illi kemm hu hekk, kif se jintwera fil-mori tal-proceduri, l-eccipjenti tilef diversi ordnijiet u klijenti u spicca sofra danni li jeccedu l-ammont mitlub mill-attrici ;*

*Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli mil-ligi.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti li kienet prezentata mar-risposta guramentata u l-lista tax-xhieda li ndikati mill-konvenut.

**Semghet lid-difensur tas-socjeta` attrici jiddikjara fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2015 illi riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont pretiz kien jikkomprendi kera ta` billboards.**

**Rat illi fl-istess udjenza, tat direzzjoni lill-partijiet sabiex jaghmlu l-prova, u jittrattaw it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet.**

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu dwar it-tieni u t-tielet eccezzjoni.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet dwar it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet.

**Rat is-sentenza li tat fid-29 ta` Settembru 2015, fejn kienu michuda t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet, spejjez ghall-konvenut.**

Semghet ix-xiehda u l-provi l-ohra li tressqu dwar il-mertu tal-istanza attrici.
Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

Andre` Borg – direttur manigerjali tas-socjeta` attrici – ikkonferma l-kontenut tad-dokument a fol 14 u 15 tal-process.

Xehed illi s-socjeta` attrici tiehu hsieb l-istampar u l-allestiment ta` billboards.

Sar ftehim mal-konvenut sabiex is-socjeta` attrici tistampa u tistalla billboards ; fil-kaz ta` xi okkazjonijiet, kellu jikri s-siti ghall-billboard.

Stqarr illi r-relazzjoni mal-konvenut kienet ilha ghaddejja ghal erba` jew hames snin.

Kien hemm zmien fejn il-konvenut beda jitolbu aktar zmien biex ihallas dak dovut. Il-konvenut beda jaghtih *post dated cheques* u kien anke jitolbu biex jistenna aktar minn tletin jum mid-data tac-cheque sabiex isarraf.

Xehed li rari ferm kienu l-kazi meta kien ikun hemm ilmenti dwar il-kwalita` tax-xoghol. Meta l-konvenut kien ikollu ragun fl-ilment tieghu, huwa kien jerga` jistampa r-reklam minghajr spiza agguntiva ghall-konvenut. Dwar pendenzi ta` xoghol li ma kienx ikun tajjeb, kollox kien risolt. Wara li r-relazzjoni ta` bejniethom ma komplietx fis-sens illi l-konvenut ma baqax jordna xoghol ghandhom, il-konvenut rega` beda jaqla` kwistjonijiet li kienu ilhom risolti.

Stqarr illi l-kont tax-xoghol li kien isir ghall-konvenut kien johrog fl-ahhar tax-xahar. Kull hlas li kien jaghmel il-konvenut ma kienx ghal *invoice* wahda izda kien hallas akkont. Gara li l-konvenut kellu problemi ta` *cashflow* u waqaf ihallas fl-2008. Infatti fl-2008 il-konvenut hallas bi tliet cekkijiet ta` €1,000 kull wiehed izda kienu *referred to drawer*. Ghalkemm ic-cekkijiet ma kienux onorati, il-konvenut baqa` jghidlu li kien ser ihallas. Wara ma bediex iwiegeb it-telefon.

Stqarr illi kienet prezentata ittra ufficjali fil-25 ta` Settembru 2009 (a fol

57) li ghaliha l-konvenut wiegeb fis-16 ta` Ottubru 2009 (a fol 58).

Fil-**kontroezami**, stqarr illi ghal kull bicca xoghol li kienet issir ghall-konvenut kienet tohrog *invoice*. Ma kenitx tohrog *invoice* generika li tkopri aktar minn bicca xoghol wahda. Id-diffikulta` li nqalghet mal-konvenut kienet dwar billboard tal-HSBC Bank Malta plc. Ix-xoghol hareg hazin mhux tort tas-socjeta` attrici izda tort ta` kumpannija ta` reklamar li llum ghalqet. Tant ma kienx tort tas-socjeta` attrici illi ghadha sal-lum taghmel xoghol ghall-HSBC.

Ikkonferma li l-konvenut kien ilmenta dwar billboard tat-Toyota. Hemm il-kwistjoni ma kenitx ta` xoghol hazin izda li l-agenti Malta tat-Toyota kienu qeghdin jippretendu ma jhallsu xejn tax-xoghol billi l-billboard kien tqieghed fuq art taghhom. Huwa fisser li kien hemm art li kien qed jikriha personalment minghand tat-Toyota. Dawn kienu ghamlu kampanja ma` Malta kollha. Il-konvenut kien talbu sit Haz Zebbug pero` ma kienx qallu ried is-sit ghat-Toyota. Meta tat-Toyota raw il-billboard fuq l-art taghhom, haduha bi kbira hafna. Huwa kellu arrangament ma` tat-Toyota li meta jaghmlu kampanja ta` reklamar jaghmilha huwa bla hlas.

Qal li jaf li kien hemm kwistjoni bejn il-konvenut u BPC International, izda s-socjeta` attrici ma kenitx involuta. PBC International ghadhom jaghtu xoghol lis-socjeta` attrici.

Cahad illi kien hemm ftehim mal-konvenut li tithallas *commission* fuq kull *print.* Ikkonferma li l-konvenut, apparti li kien jikri billboards minghand is-socjeta` rikorrenti, kellu wkoll billboards tieghu fuq siti li kien jikri hu stess. Sostna li gieli l-konvenut silef billboards lis-socjeta` rikorrenti li kienu fuq artijiet tieghu mwahhla minnu. Kien hemm diskors fis-sens li tithallas somma flus ghall-uzu tal-billboards tal-konvenut izda ftehim qatt ma gie konkluz. Is-socjeta` attrici kienet kriet minn tlieta sa erba` billboards izda qatt ma sar ftehim dwar prezz. Sostna li qatt ma tnaqqas xejn mill-ammont. Huwa kien jitlob lil konvenut ghall-*invoices* izda dawn qatt ma waslu ghandu.

Stqarr illi huwa ghandu numru ta` *printers.* Huwa kien semma li ser jixtri *printer* iehor bhala *back up* izda cahad li kien qed isemmi li ser jixtri *printer* ohra ghax ix-xoghol kien qed johrog hazin. Insista li l-akkwist ta` *printer* gdid kien sabiex il-kumpannija tibqa` dejjem taggorna s-servizzi taghha. Ikkonferma li l-konvenut kien kellmu dwar Adrian Fabri ta` JP Advertising, dwar kulur hazin fis-sens illi minflok blu kien qed johrog ahdar pero` cahad illi kien hemm arrangamenti biex huwa jidhol fi shab mal-konvenut u ma` JP Advertising.

Stqarr illi Alan Carabott kien *contractor* u gieli hadem mieghu. Dan kien

jibni l-billboards izda mbaghad beda jibni ghal rasu u kien anke xtara *printer* hu.

**John Falzon** xehed li huwa kien ilu jiehu hsieb l-*accounts* u *book keeping* tal-kumpannija attrici ghal tmien snin. Il-konvenut kien klijent tas-socjeta` attrici. Stqarr illi l-konvenut kien beda jaqa` lura fil-pagamenti. Kemm hu kif ukoll Andre Borg kienu jcemplu lill-konvenut biex ihallas. Il-konvenut kien jghidlu li kien ser imur l-ufficju biex ihallas u biex jitkellem ma` Andre Borg. Il-konvenut qatt ma lmenta mieghu dwar ix-xoghol. Lanqas ma ressaq xi kwistjonijiet dwar il-pendenzi.

Fil-**kontroezami**, stqarr illi meta hu beda jahdem mas-socjeta` attrici, il-konvenut kien diga` klijent taghhom. Il-konvenut kien jitkellem ferm izjed ma` Andre Borg milli mieghu. Meta kien icempel lill-konvenut ghall-pagamenti, kien jghidlu li kien ser ikellem lil Andre Borg.

Mar-risposta guramentata, **il-konvenut** ipprezenta dikjarazzjoni tal-fatti.

Fost hwejjeg ohra, jixhed illi huwa *kien jahdem fil-qasam tal-marketing u fost l-ohrajn kien jitqabbad minn diversi klijenti sabiex jorganizza kampanji ta` reklamar inkluz permezz ta` posters fuq billboards.* Ighid illi *gieli kera billboards minghand l-attrici Billboard Advertising Limited u kien jinkarigahom ukoll sabiex jiehdu hsieb il-printing tal-posters fuq il-billboards imsemmija.* Ighid illi *ma ghandu jhallas xejn mill-ammonti pretizi minhabba li x-xoghol ta` printing ta` billboards li sar mill-attrici ma kienx skont is-sengha u l-arti.* Ighid illi *x-xoghol ta` printing tant naqas fil-kwalita`* u *beda jkollu lmenti regolari minghand il-klijienti tieghu u sahansitra spicca nvolut f`kawza* ma` *l-Bank HSBC ... minhabba l-kwalita` skadenti tal-billboards. Bhala konsegwenza ... tilef diversi klijenti b`eluf ta` Euro f`introjtu.*

Il-konvenut xehed ukoll *viva voce.*

Huwa xehed illi llum ma kienx qed jaghmel xoghol ta` *marketing* jew fuq billboards.

Ighid illi huwa beda fil-*marketing.* Fost il-klijenti li kellu kien hemm HSBC Bank Malta plc li kien jiehu hsieb reklamar minn taghha tramite l-agenzija tar-reklami BPC International. Kellu wkoll lil-Libyan Arab Maltese Holding Company Limited, Aviko, Big Ben Group, BOV u diversi hwienet tal-Belt u Ta` Sliema.

Ighid illi wara l-2001 huwa wessa` n-negozju tieghu ghall-billboards. Kien ilu jaf lil Andre Borg zmien twil. Ighid illi huwa kellu tletin billboard madwar Malta kollha. Is-socjeta` attrici offriet is-servizz li tistampa u tinstalla il-*poster* tal-billboards fl-ahhar tax-xahar.

Xehed illi huwa hallas ammonti kbar ta` flus lis-socjeta` rikorrenti meta x-xoghol sar sew. Meta x-xoghol ma kienx ikun tajjeb, huwa kien informa lil Andre Borg dwar il-problemi u dan kien dejjem jghidlu li ser jibdel il-*printer*. Sostna li fir-reklamar ta` l-HSBC kien hemm problemi kbar kemm dwar il-kuluri ahmar u iswed. Billi l-print tal-HSBC kienet hazina, huwa spicca tilef lill-HSBC bhala klijent. Sab ruhu fi problemi ma` Peak Advertising u mal-agenti Malta ta` Toyota. L-ilment ta` Toyota kien illi l-kulur flok iswed kien griz. Klijent iehor JP Advertising kellu lment dwar Diamonds International ghax il-kulur minflok deheb gie vjola.

Sostna li r-relazzjoni mas-socjeta` rikorrenti ma spiccatx tajba ghax din baqghet tibghat l-*invoices* minkejja li l-klijenti tieghu ma kinux hallsu minhabba x-xoghol hazin li sar. Andre Borg kellu jhallsu *commission* fuq kull *print,* li baqghet qatt ma thallset. Inoltre baqa` ma giex ikkompensat tax-xoghol li tilef.

Xehed li huwa dejjem ried jitkellem mas-socjeta` atrici sabiex ikun stabbilit dak li kellha tiehu hi u dak li kellu jiehu hu izda diskussjoni qatt ma kien hemm.

Fil-<u>**kontroezami,**</u> il-konvenut stqarr illi l-ftehim li jithallas *commission* ta` Lm 25 ma tirrizultax minn skrittura. Ikkonferma li huwa qatt ma thallas dawn il-*commissions*. Meta bdew jaslu l-*invoices*, huwa kien gibed l-attenzjoni ta` Andre Borg sabiex inaqqas dak li kellu jiehu bhala *commission*. Qal illi huwa ma setax jibghat *invoice* lil Borg dwar il-*commissions*. Safejn jaf hu, il-*commissions* qatt ma tnaqqsu mill-*invoices.*

Spjega li kien hemm istanzi fejn is-socjeta` rikorrenti irrikonoxxiet il-fatt li l-kwalita` ta` xoghol ma kienx tajjeb u biddlet ix-xoghol minghajr hlas. Ghalkemm Borg dejjem prova jirrimedja, gieli l-klijenti ma kinux jaghtu opportunita` ohra. Spjega li Peak Advertising kienet harrket lilu dwar il-billboard tal-HSBC.

Cahad li l-lmenti dwar il-kwalita` tax-xoghol bdew meta huwa beda jkollu problemi ta` likwidita`. Sostna li huwa baqa` jahdem bis-socjeta` rikorrenti minkejja li kien hemm xi xoghol li qed isir hazin, izda mbaghad meta waqfulu x-xoghol l-HSBC u spicca l-Qorti. Ghalhekk beda jfittex lil haddiehor minflok is-socjeta` attrici.

Jonathan Sammut xehed li huwa hadem minn Novembru 1997 sa Frar 2014 ma` BPC Advertising. Huwa kien *senior accounts officer.* Huwa jaf lill-konvenut bhala *supplier* ghal diversi snin. Fisser illi s-*sales executive* ta` BPC kien jinkarika lis-*supplier* ghan-nom tal-klijent. Meta jsir il-billboard u kollox kien ikun sar sew, huwa kien jircievi l-*invoice* ghall-pagament. Ix-xoghol tieghu kien illi jaghmel *reconciliation* u johrog il-pagament. L-ahhar *entry* ta` xoghol mill-konvenut kienet fl-2007. Dak iz-zmien kien ircieva *email* mill-*managing director* David Brockdorff fis-sens li ma kinux ser jibqghu jaghmlu *bookings* ma` l-konvenut. Wara l-2007, ma sarx negozju ma` l-konvenut. Huwa qatt ma tkellem mal-konvenut dwar it-tmiem tar-relazzjoni tieghu ma` BPC.

David Brockdorff, direttur ta` BPC International, xehed illi kien ilu direttur ghal madwar ghoxrin sena. Id-ditta taghhom tkun inkarikata torganizza kampanji ta` reklamar. Stefan Vassallo kien *supplier* taghhom. Id-ditta kienet tixtri servizzi ta` *outdoor advertising* minghand Vassallo. Ghall-bidu ma kienx hemm problemi izda mbaghad nqalghu problemi dwar il-kwalita` tal-istampar fuq il-canvas li jitqeghdu mal-billboards. Ghalhekk waqqfu s-servizzi tieghu wara l-2007 u kellhom jirrikorru ghal *suppliers* ohra.

Fisser li kien hemm problemi minhabba l-istampar kif ukoll minhabba s-sit tal-billboard. Il-*printing* kien il-problema l-aktar serja minhabba l-impressjoni hazina li tinghata lill-pubbliku. Ir-relazzjoni ma` Vassallo baqghet tajba ghal madwar sentejn jew tlett snin.

Ikkonferma li s-socjeta` rikorrenti taghmel l-istess xoghol li kien jaghmel ghalihom il-konvenut. Spjega li kien hemm korrispondenza skambjata ma` Vassallo peress li dan kien qed jinsisti fuq il-hlas mentri huma kienu javzawh li ma kinux lesti li jhallsu minhabba l-problemi li nqalghu fix-xoghol. Vassallo ma kienx jinfurmahom dwar is-sors tal-problema ; frankament dan ma kienx jinteressah ghaliex is-*supplier* kien responsabbli. Sostna li l-*invoices* li ma thallsux lill-konvenut kienu jammontaw ghal anqas minn EUR 5,000.

Fil-kontroezami, xehed illi huma kienu jissupplixxu l-*artwork* fil-format digitali lill-konvenut, u l-konvenut kien jiehu hsieb l-istampar u t-tqeghid fuq il-billboard. Meta l-prodott ma kienx ikun tajjeb, huwa kien jitlob lill-konvenut sabiex jibdel, izda dan ma kienx isir u allura kien kostrett iwaqqaf is-servizz tal-konvenut. Qal illi dan it-tip ta` servizz huwa *in demand* u ghalhekk jekk jinqalghu problemi, l-interess taghhom huwa li jigu risolti. Ikkonferma li Vassallo qatt ma ha passi legali ghall-hlas ta` dawk l-*invoices* li baqghu ma thallsux. Huwa accetta wkoll li gieli hadem mas-socjeta` rikorrenti.

## III. Konsiderazzjonijiet

Li fadal x`jigi deciz fil-kawza tal-lum huma t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut fil-mertu ta` dawk it-talbiet.

### 1. L-oneru tal-prova

Il-piz tal-prova jispetta lil min jallega mhux lil min jichad. Fil-kaz tal-lum, l-oneru huwa fuq is-socjeta` attrici.

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-16 ta` Marzu 2005 fil-kawza "Vodafone Malta Limited vs Valletta Freight Services Ltd" inghad hekk :-

> "*Bhala punt ta` principju procedurali jibda biex jigi registrat, illi, linearjament mal-massima legali incumbit probation qui allegat, meta si tratta minn talba ta` hlas ta` servizz li wiehed jippretendi li hu dovut lilu, bhal ma proprju l-kaz in ezami, il-prova kemm tal-ammont kif ukoll tal-frekwenza tal-uzu ta` dak is-servizz tiggrava fuq min jipprovdi dak is-servizz u jippretendi l-hlas. Dan logikament ifisser illi prova bhal din kellha taghmilha s-socjeta` attrici. Prova din li kellha tkun wahda attendibbli u preciza. Dan s` intendi sa fejn kien ragonevolment possibbli.*"

Ta` l-istess portata kienet is-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-31 ta` Jannar 2003 fil-kawza "Andrew Dalli vs Michael Balzan" fejn intqal li :

> "*Naturalment l-attur li jallega d-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella, fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa` jimpera l-principju actor non probante, reus absolvitur.*"

Minn evalwazzjoni tas-*sales analysis* esebita mis-socjeta` attrici, u kkonfermat bil-gurament minn Andre` Borg, jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti rreferiet ghall-*invoices* kollha li kienu ghadhom pendenti u li l-bilanci taghhom kienu ghadhom dovuti mill-konvenut.

Fl-istess dokument, saret distinzjoni bejn l-ammonti li kienu dovuti ghall-istampar (€13,698.02) , dawk dovuti ghall-kiri tal-billboards (€3,944.39) u dawk dovuti ghat-tqeghid jew istallazzjoni (€505.29).

Saret referenza wkoll ghall-hlasijiet akkont li ghamel il-konvenut, liema pagamenti tnaqqsu mill-ammonti li kienu dovuti, sabiex b`hekk l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti kien jammonta ghal EUR 18,147.70.

Dan premess, tajjeb jinghad illi mar-rikors guramentat kien esebit Dok BA1 (fol 5 u 6). Il-kontenut tad-dokument jaqbel mas-*sales analysis*. Hemm indikat ukoll ix-xoghol li ghalih jirreferu l-*invoices* partikolari.

Kienu esebiti wkoll l-*invoices* Dok BA2 (minn fol 7 sa fol 56).

Id-dokumenti kollha jikkorraboraw lil xulxin.

Minn evalwazzjoni ta` d-dokumenti kollha esebiti mill-attrici, jirrizulta ampjament li s-socjeta` rikorrenti pprezentat provi sodisfacenti u sal-grad rikjest mil-ligi tal-kreditu taghha.

Mela jirrizulta ppruvat illi s-socjeta` attrici baqghet ma thallsitx l-ammont ta` EUR 18,147.70c.

2. <u>Ir-raba` eccezzjoni</u>

Fil-mertu, il-konvenut laqa` ghat-talba ghall-hlas mill-attrici bir-raba` eccezzjoni, fejn kien eccepit illi x-xoghol li pprovdiet is-socjeta` attrici ma kienx konformi mas-sengha u l-arti.

Tenut kont tan-natura, il-prova tal-eccezzjoni kienet tispetta lill-konvenut (ara d-decizjoni ta` din il-qorti diversament presjeduta tas-17 ta` Lulju 2013 fil-kawza "**<u>Joe Pace K3 Co. Ltd vs Raymond Falzon</u>**".

Ghad illi lilu kien jinkombi l-piz tal=prova, il-konvenut naqas milli jgib provi sodisfacjenti u sal-grad rikjest mil-ligi tal-allegat xoghol hazin li lmenta dwaru.

Fix-xiehda tieghu, il-konvenut kemm semma li kienet saret kawza kontra tieghu minhabba x-xoghol li pprovda kien hazin, liema xoghol ighid li wasal ghandu minghand l-attrici.

Eppure la ndika r-referenza ghall-kawza.

La talab l-allegazzjoni tal-atti ta` dik il-kawza.

Lanqas ma pprezenta estratti rilevanti minn dak l-allegat procediment.

Ghandu jigi notat ukoll il-fatt li minkejja li, skont il-konvenut, kien minhabba x-xoghol hazin tas-socjeta` attrici li ttiehdu proceduri gudizzjarji kontra tieghu, is-socjeta` attrici la ssejhet biex tkun parti fil-kawza, u lanqas ma xehed rapprezentant taghha fil-kawza.

L-imgieba tal-konvenut tixhet dubju fuq l-attendibilita` tal-verzjoni tieghu.

Il-konvenut naqas ukoll milli jipprocedi kontra s-socjeta` rikorrenti fi proceduri separati biex ikompli jsahhah l-eccezzjoni tieghu.

Din il-Qorti tistqarr ukoll li tara ferm dubjuz il-fatt li minkejja li l-konvenut kellu daqstant ilmenti dwar ix-xoghol allegatament hazin maghmul mis-socjeta` rikorrenti, huwa xorta wahda baqa` jutilizza s-servizzi taghha.

Sinjifikanti hafna huwa l-fatt li fl-emails skambjati bejn Frar 2008 u April 2008, il-konvenut ma semma xejn dwar dawn l-allegati lmenti li kellu dwar xoghol hazin u li ma sarx skont is-sengha u l-arti. Fl-emails, huwa evidenti li l-problema li kellu l-konvenut kienet li ma kellux likwidita` biex ihallas dak dovut u kien ghalhekk talab estensjoni taz-zmien sabiex ihallas dak dovut. Li kieku kien hemm problemi fil-prodott konsenjat, certament li dak il-fatt kien jigi senjalat bhala raguni ghalfejn il-hlasijiet ma sarux.

Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-konvenut naqas li jressaq provi tajbin biex isahhah dak li kien qed jallega.

Huwa qaghad fuq li xehed minghajr korraborazzjoni.

Kontra dak li allega l-konvenut, kien hemm ix-xiehda ta` Andre Borg illi sahaq li x-xoghol sar tajjeb hlief ghal kazi rari ferm li rrimedja ghalihom minghajr ebda hlas agguntiv ghall-konvenut.

Fix-xiehda tieghu, il-konvenut allega li l-akbar problemi li kellu kienu fir-rigward ta` xoghol li sar ghal HSBC u Toyota.

Madanakollu, il-konvenut baqa` qatt ma specifika liema *invoices* kienu jikkorrispondu ghal dan l-allegat xoghol hazin.

David Brockdorff spjega b` *email* illi mir-*records* ta` BPC irrizulta li l-ammont li baqa` ma giex saldat mal-konvenut minhabba xoghol hazin kien jammonta ghal Lm 1,402.50 ekwivalenti ghal EUR 3,265 flimkien ma` VAT.

Din il-Qorti fliet Dok BA 1 ezebit a fol 5 u 6.

Minnu jidher li x-xoghol relatat ma` HSBC sehh (i) fit-30 ta` Novembru 2006 ghal invoice 1781 ; (ii) fit-30 ta` April 2007 ghal invoice 1905, waqt li ghal Toyota, ix-xoghol huwa relatat ma` invoice 1884 tat-23 ta` April 2007.

Minn ezami tal-*invoices* ezebiti bhala Dok BA 2, johrog aktar car liema huma dawk li jirreferu ghal HSBC u liema jirreferu ghal Toyota Malta :-

i. Invoice 1781 li kienet tirrigwarda l-HSBC biss fis-somma ta` Lm 60 (VAT eskluz) (fol 18).
ii. Invoice 1785 li kienet tirrigwarda l-HSBC biss fl-ammont ta` Lm 105 (VAT eskluz) (fol 19).
iii. Invoice 1884 li kienet tirrigwarda Toyota fis-somma ta` Lm 306.80c (VAT inkluz) (fol 32).
iv. Invoice 1905 li kienet tirrigwarda l-HSBC biss fl-ammont ta` Lm 130.00 (VAT eskluz) (fol 34).
v. Invoice 1969 li kienet tirrigwarda l-HSBC biss fl-ammont ta` Lm 80.00 (VAT eskluz) (fol 37).

Minn evalwazzjoni ta` dawn l-*invoices* u l-email mibghut minn David Brockdorff, jidher li l-ammonti xorta wahda ma jaqblux peress li mill-*invoices* ezebiti mis-socjeta` rikorrenti u indikati li kienu jirrigwardaw l-HSBC u Toyota, is-somma globali tammonta ghal Lm 681.80 (VAT eskluz) mentri skont David Brockdorff, l-ammonti li kienu dovuti lill-konvenut u li baqghu ma thallsux lilu kienu Lm 1,402.50. Dan l-ammont huwa ammont ferm anqas minn dak pretiz mis-socjeta` rikorrenti li fil-kawza tal-lum.

Apparti din id-diskrepanza fl-ammonti, il-Qorti lanqas ma tinsab konvinta li necessarjament ix-xoghol fornit mill-konvenut lil BPC kien necessarjament ix-xoghol li sar mis-socjeta` rikorrenti.

Dan qed jinghad peress li minkejja l-fatt li l-konvenut jallega li kien tort tax-xoghol hazin tas-socjeta` rikorrenti li huwa spicca tilef bhala klijent lil BPC, meta xehed David Brockdorff, dan stqarr illi BPC kienet ghadha tordna xoghol lis-socjeta` attrici, anke ghal snin wara li l-konvenut ma baqax jinghata xoghol minn BPC.

Li kieku l-konvenut kellu jitwemmen, BPC ma kenitx taghti xoghol lis-socjeta` attrici ladarba l-prodott taghha kien tant hazin.

Il-Qorti mhijiex konvinta li x-xoghol li lmentat bhla hazin kien dak fornit mis-socjeta` attrici.

Huwa minnu li rrizulta li kienu nqalghu problemi ta` stampar hazin fir-rigward ta` reklamar relatat ma` HSBC kif ukoll problemi dwar is-sit tal-billboards li ntuzaw ghar-reklamar ta` Toyota, izda li kieku tassew il-prodott tas-socjeta` attrici ma kienx kif titlob l-arti u s-sengha, il-konvenut kien igharraf b` dan lis-socjeta` rikorrenti u jinsisti li ma jhallasx ghal xoghol fornit hazin.

Ma rrizultawx ilmenti *a tempo debito*.

Li rrizulta kien illi meta bdew il-proceduri legali, bdew jitqajmu l-lmenti dwar xoghol hazin.

Lanqas fir-risposta ghall-ittra ufficjali li pprecediet din il-kawza, ma ssemmiet din l-allegazzjoni li x-xoghol kien sar hazin (fol 59), fatt dan illi jkompli jikkonferma li l-konvenut ma riedx ihallas : *punto e basta.*

Da parti tieghu, il-konvenut jaqbad max-xiehda ta` Andre Borg billi jallega illi tant ix-xoghol kien hazin illi sahansitra s-socjeta` attrici ghamlet *replacement free of charge.*

Dan premess il-Qorti tghid illi dan il-fatt mhuwiex ta` konfort ghall-konvenut, peress illi Andre Borg sahaq illii huwa ried isolvi l-problemi, jekk dawk ikunu mputabbli lis-socjeta` attrici.

Mill-banda l-ohra, skont David Brockdorff, il-problemi li rriskontra fix-xoghol fornit mill-konvenut ma kinux qed jigu rimedjati u kienet ghalhekk li ttiehdet id-decizjoni li dan ma jibqax jinghata xoghol.

Din il-verzjoni ma taqbilx ma` dak li xehed Andre Borg.

Ghal din il-Qorti dan ifisser illi fejn ma kienx rimedjat ma kenitx involuta s-socjeta` attrici.

**Il-Qorti qeghda <u>tichad</u> ir-raba` eccezzjoni.**

**3. <u>Il-hames eccezzjoni</u>**

Il-konvenut isostni li kien tort tax-xoghol hazin tas-socjeta` rikorrenti li huwa tilef klijent importanti, ossija BPC.

Il-konvenut ezebixxa dokument immarkat bhala SM1 flimkien mar-rikors ta` appell imressaq minnu fit-30 ta` Gunju 2011 liema dokument allegatament juri *bookings* ta` *billboards* li huwa kellu jhassar fl-2007 u fl-2008 wara li klijenti tieghu, ossija l-agenzija BPC irtirat l-ordnijiet ghal reklamar li kellha mal-konvenut (fol 11 sa 15 tal-process ta` l-atti mressqa quddiem il-Qorti ta` l-Appell) bil-konsegwenza li l-konvenut tilef id-dhul ta` Lm 12,637.92c.

Ghar-ragunijiet imfissra aktar kmieni, il-Qorti ma ssibx li kien sodisfacentement ippruvat li tassew sar xoghol hazin mis-socjeta rikorrenti li kagun tieghu l-konvenut garrab telf.

Inoltre fil-kawza ma saret l-ebda kontrotalba.

Il-konvenut allega wkoll illi kien hemm ammonti dovuti lilu mis-socjeta` rikorrenti fir-rigward ta` hlas ta` *commissions* kif ukoll hlas ta` kiri ta` xi siti fejn tqieghdu *billboards* mis-socjeta` rikorrenti.

Ghandu jigi rilevat immedjatament li dawn l-allegazzjonijiet ma gewx inkluzi fir-risposta guramentat.

Din il-Qorti ghandha toqghod strettament ghat-talbiet u l-eccezzjonijiet.

Huwa principju sagrosant li l-gudikant civili ghandu fl-ghoti tas-sentenza jqoghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni ta` bejn il-partijiet.

Huwa ben risaput li s-sentenza  ghandha tirrispekkja t-talba ta` l-attrici unikament fid-dawl tan-nota ta` eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Il-gurisprudenza taghna hija kategorika u teskludi l-possibilita` li l-Qorti taghti decizjoni barra mill-kontestazzjoni ta` bejn il-partijiet.

Fid-decizjoni tad-19 ta` Mejju 2004 fil-kawza "**Veronique Amato Gauci Veronique et vs Marco Zammit et**" il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet :-

*"Illi ghal dak illi jirrigwarda l-azzjonijiet civili, l-procedura tillimita hafna l-inizjattivi li l-Qorti tista tiehu minn rajha. Fost dawn, per ezempju, hemm il-gurisdizzjoni, fejn jekk jirrizultalha illi m`ghandhiex kompetenza jew gurisdizzjoni biex tisma` kawza, l-Qorti tista` "ex-officcio" tqajjem din il-kwistjoni peress illi hi ta` ordni pubbliku. L-istess fil-kaz ta` Mandat in Factum fejn il-Qorti tista` "ex-officcio" tezamina r-ragunijiet ghall-hrug ta` dan il-Mandat (ara **Xuereb vs Xuereb** Appell 27 ta` Marzu, 2003).....*

*1. "Huwa principju maghruf illi l-Imhallef civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b`mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrizolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, ammenokke non si tratta minn kwestjonijiet ta` ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat jirrileva "ex officio" – **"Joseph Gatt –vs- Joseph Galea"**, Appell Civili, 12 ta` Lulju 1965; **"Regina mart Francis Cacciottolo –vs- Francis Cacciottolo"**, Appell Civili, 30 ta` Gunju 1976;*

*2. "Il-Qorti m`ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li m`hiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta` ordni pubbliku, altrimenti kwalunkwe kwestjoni legali tkun tista` tigi sollevata mill-Qorti, prattika din mhiex rakkomandabbli li tista` twassal ghal sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq l-eccezzjoni taghha stess" –**"Anthony Hammett noe –vs- Vincent Genovese pro et noe"**, Appell Kummercjali, 31 ta` Jannar 1991;*

*"Fis-sistema gudizzjarja taghna l-Qorti m`ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li m`hijiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn xi konsiderazzjoni serja ta` ordni pubbliku. Dana billi, bhala norma, il-gudikant ghandu jiddeciedi l-kawza billi joqghod fuq il-binarju tal-kontestazzjoni li jressqulu l-partijiet. Huwa r-rwol tad-difensur tal-parti u mhux tal-gudikant li jiskogita difizi u eccezzjonijiet dwar kwestjonijiet legali. Diversament il-Qorti tkun qeghda tesponi ruha ghal certi riskji ovvji*

*meta tiddeciedi kawza fuq eccezzjoni li tissolleva hi stess, meta m`hijiex awtorizzata espressament li taghmel hekk"* – ***"Edwin Grech –vs- Antida Saglimbene et",*** *Qorti tal-Kummerc, 9 ta` April 1992.*

Decizjoni ohra kienet dik tal-istess Qorti tal-20 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Borg vs Halmann Limited**" fejn inghad illi :-

*"Hu principju maghruf illi fl-ghoti tas-sentenza f kawza l-gudikant ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b`mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet; minn naha l-ohra ma jistax jittratta u jirrisolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu. Dan dejjem salv meta non si tratta minn kwestjoni ta` ordni pubbliku fejn allura l-gudikant hu obbligat li jirrileva `ex officio`. Ara* ***"Cacciattolo utrinque",*** *Appell Civili, 30 ta` Gunju 1976."*

Fis-sentenza li tat fil-11 ta` Gunju 1996 fil-kawza **John Grech vs Saviour Abela** il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk :-

*"Jidher li l-Ewwel Qorti minghjar ma kien hemm eccezzjoni ad hoc u minghajr ma giet mitluba, iddecidiet fuq il-validita` o meno ta` l-iskrittura Dok P1. Fuq dan jizdied biss illi l-istess konvenut meta kkontesta l-kawza fil-prim` istanza ma semma xejn dwar kemm kien jikkunsidra valida jew mhux valida l-iskrittura Dok P1 li biha intrabat kif hemm fiha, izda kkontesta biss l-ammont ta` l-appogg. Fil-fehma ta` din il-Qorti, ghalhekk, l-ewwel Qorti ma kellhiex dritt li minghajr ma l-partijiet jikkontestaw il-validita` ta` l-iskrittura msemmija, tiddeciedi li hi invalida fil-ligi u wisq anqas kellha d-dritt illi tiddeciedi li kienet invalida minhabba vizzju tal-kunsens da parti tal-konvenut, li kif inghad hu stess ma kkontestahiex, gal dik li hi validita`.....Jidher ukoll li l-Ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet dwar il-kostruzzjoni jew l-istat ta` kostruzzjoni hazin tal-hajt li effettivament gie mwaqqa` mill-konvenut u danni li seta` sofra l-konvenut – kif jidher mill-istess sentenza. Bir-rispett kollu, pero` din il-Qorti ma tarax illi dan kien fit-termini tal-vertenza li kienet quddiem l-Ewwel Qorti u dak li gie kkunsidrat minnha kien effettivament kompletament extra petita u ma kienx jifforma anqas parti mid-dibattitu li sar fil-prim` istanza. Din il-Qorti tifhem is-sens ta` gustizzja li ppruvat turi l-Ewwel Qorti fil-materja in disputa bejn il-partijiet, pero` wiehed irid joqghod ghal-limitazzjoni li timponi l-ligi procedurali li ma tippermettix illi jsir dak illi sar f  dan il-kaz."*

Fl-isfond tal-premessa gurisprudenza, l-allegazzjonijiet li saru mill-konvenut ma jistghux jigu kkunsidrati mill-qorti.

Il-konvenut allega li dak li sahaq fuqu jolqot il-*quantum* tat-talba.

Ghalhekk skont il-konvenut ghandhom jinghataw konsiderazzjoni peress li l-*quantum* ghandu jigi ppruvat mis-socjeta` attrici.

L-argument tal-konvenut mhux kondiviz mill-qorti peress li l-konvenut lanqas ressaq eccezzjoni li biha kkontesta l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti, izda eccepixxa biss li huwa ma kellu jhallas xejn billi x-xoghol ma kienx skont is-sengha u l-arti.

Anke li kieku l-Qorti kellha tezamina taghti konsiderazzjoni ghal dawn l-allegazzjonijiet, xorta` wahda tibqa` mhux konvinta mill-fondatezza tal-allegazzjonijiet tal-konvenut.

Dwar l-allegati commissions ma kienx prodott ftehim bil-miktub.

Il-konvenut insista li kien hemm ftehim verbali dwar il-hlas ta` commission mentri r-rapprezentant tas-socjeta` attrici cahad li qatt kien hemm ftehim ta` dan it-tip.

Il-verzjoni tal-attrici hija dik veritiera iktar u iktar meta jigi meqjus li l-konvenut ma pprezenta l-ebda invoice fir-rigward ta` din l-allegata commission.

Lanqas ma pprezenta xejn x` juri li huwa kien qed jikkontesta l-*invoices* li kienu qed jintbaghtu lilu mis-socjeta` rikorrenti li ma kienu qed jirriflettu l-ebda tnaqqis dwar din l-allegata commission.

Dwar il-kwistjoni tal-kera ta` siti mill-konvenut a favur tas-socjeta` rikorrenti biex jitpoggew billboards, huwa minnu li s-socjeta` attrici tghid illi kien hemm okkazzjonijiet fejn saret kirja, izda qatt ma ntlahaq ftehim dwar kemm kellu jkun il-hlas, kif ukoll qatt ma ntbaghtu *invoices* mill-konvenut fir-rigward ta` l-kiri ta` siti.

Kien jinkombi fuq il-konvenut li jiehu hsieb li jigbor dak dovut lilu u ma jistax issa jippretendi li jinqeda b` din il-kawza biex jigi likwidat xi ammont pretiz minnumeta ma ressaq ebda kontrotalba, u lanqas ressaq provi dwar kemm hu allega li kellu jiehu minghand l-attrici.

Ghaldaqstant, anke fil-mertu, dawn l-allegazzjonijiet lanqas ma jimmeritaw li jigu milqugha.

4. **L-imghax**

Tenut kont li l-obbligazzjoni bejn il-partijiet kien kummercjali, l-imghax ghandu jigi kkalkolat mid-data meta l-obbligazzjoni giet ezegwita.

Il-Qorti sejra tikkonsidra li l-appalt gie mitmum ma` l-ahhar *invoice* li nharget.

Din kienet datata 10 ta` Settembru 2008 (fol 56).

Imbaghad fid-Dok BA1 a fol 5 u 6, u d-dokument a fol 15 u 15 ta` volum II tal-process, jirrizulta li d-data mnizzla fir-rigward ta` din l-invoice kienet dik tat-30 ta` Settembru 2008.

Il-Qorti sejra tiehu din l-ahhar data ossija t-30 ta` Settembru 2008 bhala d-data li minnha ghandu jibda jiddekorri l-imghax legali.

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fatt li kien imbaghad madwar sena wara li s-socjeta` attrici pprezentat l-ittra ufficjali kontra l-konvenut u segwiet l-att b`kawza madwar sentejn wara.

Minkejja dan it-trapass ta` zmien, il-konvenut kien a konjizzjoni tal-fatt li kien hemm dan il-kreditu pretiz mis-socjeta` rikorrenti u ghalhekk semmai messu ha passi biex ipprotega lilu nnifsu mid-dekors ta` l-imghax.

(ara s-sentenzi : PA - 24 ta` Jannar 2012 - **J&M Aluminium Ltd. *kontra* Alu. Care Mosta Limited** ; PA – 3 ta` Ottubru 2002 – **Muscat et vs Radmilli et** ; Appell Inferjuri – 20 ta` Ottubru 2003 – **Adrian Vella de Lucca vs Blue Med Travel Services Ltd** ; Qorti tal-Appell – 10 ta` Ottubru 2003 – **Mario Mallia noe et vs Francis Bezzina Wettinger)**

Decide

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-

Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut kollha fil-mertu.

Tipprovdi dwar it-tieni u dwar it-tielet talbiet attrici, billi filwaqt illi tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa debitur tal-kumpannija attrici fl-ammont ta` tmintax–il elf mija sebgha u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€18,147.70c), tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpannija atrici s-somma ta` tmintax–il elf mija sebgha u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€18,147.70c), bl-imghax legali b`effett mit-30 ta` Settembru 2008 sad-data tal-effettiv pagament.

Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, komprizi dawk ta` l-ittra ufficjali ezekuttiva tal-25 ta` Settembru 2009.

Onor. Joseph Zammit McKeon
Imhallef

Amanda Cassar
Deputat Registratur